**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**(Spettur Bernardette Valletta)**

**Vs**

**Alexander Borg**

**Illum 1 ta' Gunju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Alexander Borg, iben Joseph u Evangelista neè Sciberras, imwieled Pietà fil-5 ta' Settembru 1972, residenti gewwa l-fond Nru.40, Triq Amery, Sliema u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 446973(M), talli f' dawn il-Gzejjer gewwa ta' Sliema nhar it-30 ta' Mejju 2018 f'xi hin filghaxija:

1) Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Oceana Salima Brognard u dan bi ksur ta' l-Artikolu 207 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà u protezzjoni ta' Oceana Salima Brognard kif jidhrilha xieraq bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurtà u ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza skond l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz - Dok. "A"; (ii) il-fedina penali ta' l-imputat - Dok. "B";

(iii) stqarrija rilaxxata u ffirmata mill-imputat - Dok. "C"'; (iv) Personal Details Form ta' l-imputat - Dok. "D"; u (v) estratt tac-Certifikat tat-Twelid ta' l-imputat - Dok. "E";

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena u hadet nota tal-fatt illi hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difza li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma jkunx idoneju li tigi imposta piena karcerarja fuq l-imputat izda ikun aktar idoneju jekk l-imputat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor tul perijodu ta' zmien impost mill-Qorti;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed tigi akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer gewwa ta' Sliema nhar it-30 ta' Mejju 2018 f'xi hin filghaxija: (a) ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Oceana Salima Brognard u dan bi ksur ta' l-Artikolu 207 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza dedotta kontrih.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Ghalhekk wara li rat l-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ittenni li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, izda minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz mhux spedjenti li timponi piena kalcerarja fuq l-imputat u ghaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem illi jekk huwa jwettaq xi reat iehor fi zmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reati trattati f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti in oltre qed tohrog Obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat a tenur ta' l-Artikolu 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' Digriet moghti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

In kwantu rigwarda t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez relattivi ghan-nomina ta' Esperti a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-

Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba stante li f'dawn il-proceduri ma gew nominati l-ebda Esperti u ma tressqet l-ebda prova dwar in-nomina ta' Esperti f'kuntest ta' Inkjesta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**